MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2012

Numru. 40/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Antoine Galea**
**Michael Gaffarena**

**Illum 17 ta' Ottubru 2012**

**Kumpilazzjoni Numru 40/2012**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Antoine Galea**, ta' erbgha u ghoxrin (24) sena, bin Albert u Josephine neé Grixti, imwieled Pieta' nhar il-25 ta' Gunju 1987, residenti fil-fond numru 15, Armonja, Triq Kananea, Attard u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 297187(M) u **Michael Gaffarena,** ta' erbgha u ghoxrin (24) sena, bin Joseph u Carmen neé Attard, imwieled Pieta, nhar il-21 ta' Dicembru 1987, residenti fil-fond numru 'Farmhouse', Luqa Road, Qormi u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 45488(M), akkuzati talli nhar id-19 ta' Frar, 2012, gewwa l-Pjazza l-Arcipriet Martin Camilleri, Nadur (Ghawdex), ghal habta ta' bejn nofs il-lejl u l-kwarta ta' filghodu (0000hrs-0015hrs):

(a) volontarjament, ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Stephan Galea billi taw daqqiet lil imsemmi f'wiccu u f'rasu;

(b) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbew kontra Stephan Galea sabiex jingurjaw, jdejjqu jew jaghmlu hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) volontarjament ghamlu hsara li jammonta ghal anqas minn tlett mija u tlieta w erbghin euro (€ 343.00) u dan ghad-detriment ta' Stephan Galea;

(d) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kisru il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u bi glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet gentilment mitluba tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien li thoss xieraq.
Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u l-atti l-ohra kollha ta' dan il-kaz.

Semghet lill-imputati jiddikaraw li huma bl-ebda mod ma kienu ser idejqu jew jimmolestaw lill-kwerelant Stephan Galea u li, fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni, Stephan Galea

iddikjara li kien qed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputati.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u lill-*parte civile* jiddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma ressaq ebda provi.

Ghaldaqstant, il-Qorti, fir-rigward tat-tielet (3) u tar-raba’ (4) imputazzjoni, tillibera lill-imputat, fuq nuqqas ta’ provi, u, fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni, tiddikjara l-procediment ezawriet stante rinunzja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------